MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2011

Numru. 798/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**
**KONTRA**

**FRANCIS BOWELL**
**ELTNO LAWRENCE BOWELL**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Francis Bowell ta' 34 sena, bin Joseph u Carmela nee' Penza, mwieled San Giljan nhar il- 21 ta' Frar 1977, residenti 7, Sqaq l- Erwieh, Bormla u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 123277M;

U

Elton Lawrence Bowell ta’ 34 sena, bin Joseph u Carmela nee’ Penza, mwieled San Giljan nhar it- 12 ta’ Dicembru 1975, residenti 1, Blk B, Triq l- Ajkla, Bormla u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 33076M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar id- 19 ta’ Novembru 2009, gewwa razzett li jinsab fi Triq il- Kapuccini gewwa Kalkara, zammew ghandhom annimali, cioe’ zwiemel, klieb u moghoz u giegheluhom isofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn;

2) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, zammew annimali u qablu li jzommu annimali ghandhom u ma kienux responsabbli ghat- trattament xieraq taghhom billi ma pprovdewx tined jew postijiet fejn dawn l- annimali jistkennu mix- xemx u mix- xita;

3) Ukoll talli nhar id- 19 ta’ Novembru 2009, gewwa razzett li jinsab Triq il- Kapuccini, Kalkara, zammew tlett iklieb tal- eta’ il’ fuq minn 6 xhur minghajr licenzja mahruga mill- Kummissarjtu tal- Pulizija;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali, li permezz taghha hu ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza titmexxa b’mod sommarju minn din il-Qorti;

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li din il-Qorti tisma’ l-kawza taghhom bi procedura sommarja, u ghalhekk din il-Qorti giet hekk ikkonvertita ghal Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati irregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, u ghaldaqstant dawn jirrisultaw soddisfacentement ippruvati ghall-Qorti, minghajr il-htiega li jinstemghu l-provi kollha.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

Illi l-mertu ta’ dan il-kaz aktar jittratta z-zamma ta’ annimali b’mod mhux xieraq milli mohqrija intenzjonali, izda d-dicitura tal-ligi hija wiesa’ u tinkorpora bhala reat in-nuqqas ta’ zamma b’mod xieraq u adegwat ta’ annimali. Irrisulta li l-imputati kienu gew avvicinati minn rappresentanti tat-Taqsima ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarjiet Rurali, u dawn kien rriskontraw diversi nuqqasijiet fiz-zamma tal-annimali min-naha tal-imputati. Fi spezzjoni ohra wara, irrisulta li l-imputati kienu rrangaw hafna minn dawn in-nuqqasijiet, u minghajr ma toqghod tidhol wisq fil-mertu tal-kaz in esami, il-Qorti hi tal-fehma li huwa proprju dan l-ispirtu tal-ligi ghall-harsien tal-annimali, biex dawn ma jibqghux isofru tbatija ghal xejn, sforz ta’ nuqqas ta’ kura xierqa u adegwata. Il-Qorti tifhem li l-imputati fl-ebda stadju ma kellhom intenzjoni jahqru lill-annimali taghhom,

izda kienu biss karenti fil-harsien taghhom, haga li taht il-ligi ghall-harsien tal-annimali huwa reat.

Madankollu, il-Qorti nnotat b'soddisfazzjon li llum l-imputati rregolarizzaw il-posizzjoni taghhom minghajr ma kellhom ghalfejn jigu mgieghla, izda dan ghamluh minn jeddhom wara li ingibdet l-attenzjoni taghhom ghal diversi nuqqasijiet li kien hemm fuq il-lok indikat. Ghalhekk, tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti sejra tapplika l-piena fil-minimu taghha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 8(2) u (3) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 3(1) tal-Kap 312 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tikkundannahom multa ta' mitejn u tlieta u tletin ewro (€233) kull wiehed.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------